# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 132/97**

**Numru 26**

**Mark Pellicano**

**vs**

**Salvinu Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istess attur id-danni likwidati minn din il-Qorti, liema danni ma jammontawx ghal aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000), b'rizultat tal-ferita u d-debilita permanenti li l-konvenut ikkaguna f'wicc l-attur fl-20 ta' Awwissu, 1996 fi Triq il-Mithna, Zurrieq.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Awwissu, 1996 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru, 1996 u bl-imghaxijiet legali mid-

data tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas - ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa (fol 5 tal-atti) illi t-talba kif kontenuta fl-avviz hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes peress illi mhux minnu illi l-attur sofra xi danni kif allegat fl-avviz odjern.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 67 u 68 tal-istess atti kif ukoll in-nomina ta' Dr Carmel J Sciberras maghmula b'digriet moghti mill-Qorti kif diversament presjeduta, fl-4 ta' Marzu 1997 (fol 7 ibid).

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert a fol 26 u 27 ibid kif ukoll ix-xhieda u relazzjoni addizzjoniali b'ritratti sottomessi mill-imsemmi espert mediku (fol 48 sa fol 51 ibid kif ukoll fol 58 sa fol 59 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mat-talba in esami, gew kunsiderati s-segwenti:-

a) L-attur, kif jidher mill-provi mressqin quddiemha skond l-atti, qatt ma xehed.

b) Il-konvenut (fol 69 u 70) xehed, billi rripeta u rribadixxa, testwalment, "..... nerga' nghid li jiena ma lqattux lil Pellicano" (l-attur).

c) In rigward l-espert hawn fuq imsemmi, jkun sufficjenti li jigu citati s-segwenti sottomissjonijiet maghmulin minnu lil din il-Qorti -

i) I have looked at Mr Pellicano recent photographs of his face (especially nose) and compared them to the photographs in the Court case file (Dok 16 - 24) .... Hence, I have to conclude that Mr Pellicano has suffered no permanent disability as a result of his injury" (fol 50 ibid).

ii) ".... I find it impossible to say whether his nose has changed its shape or not. To me it didn't look significantly misshapen..."

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-premess, bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-konvenut ikkaguna ".... ferita u d-debilita permanenti...." kif hemm, "verbatim", allegat fl-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Alan Calleja
Deputat Registratur